**HIN TAL-QUDDIES**

**Tnejn sas-Sibt:**
**A.M.:** 5.00, 5.45, 6.30, 7.00, 7.45, 8.30, 9.30
**P.M. (matul il-ġimgħa)** 5.30 u 7.15 (Sajf) 4.30 u 6.30 (Xitwa)
**Sibt:** 6.15 u 7.30 (Sajf) 5.15 u 6.30 (Xitwa)

**Hadd:**
**A.M.:** 5.00, 6.00, 7.00, 8.30 9.30, 10.30, 11.30.
**P.M:** 5.00 (Sajf) 4.30 (Xitwa)

# Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl Nadur Għawdex


Tel. 2155 1649
www.nadurparish.com


**ORARJU tal-QRAR**

| | |
|---|---|
| **Hadd:** | 4.30 - 6.00 a.m.<br>9.30 - 12.00 a.m.<br>4.30 - 5.00 p.m. |
| **Tnejn** | 4.30 - 6.00 a.m. |
| **Tlieta** | 4.30 -6.30 a.m.<br>6.30 - 7.15 p.m. |
| **Erbgħa** | 4.30 -6.30; 7.00 - 8.00 a.m.<br>4.00 - 5.00, 6.30 -7.15 p.m. |
| **Hamis** | 4.30 - 8.30 a.m.<br>4.00 -5.00; 5.30 -6.00 p.m<br>6.30 7.15 p.m. |
| **Ġimgħa** | 4.30 - 6.15 a.m.<br>7.30 - 8.30 a.m.<br>4.00 - 5.00 p.m. |
| **Sibt** | 4.30 - 6.15 a.m.<br>6.45 - 8.00<br>8.30 - 10.30 a.m.<br>7.00 - 7.45 p.m. |

## L-Ewwel Ġimgħa u l-Ewwel Sibt

Nhar il-Ġimgħa u nhar is-Sibt huma l-ewwel Ġimgħa u l-ewwel Sibt tax-xahar. Kull xahar inħabbru dawn il-ġranet għax huma okkażjoni għalina lkoll biex nikbru fl-imħabba u d-devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu (l-ewwel Ġimgħa) u tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija (l-ewwel Sibt).

Nhar il-Ġimgħa jkun jum ta' Adorazzjoni fil-parroċċa. Fis-2.30 p.m. ikun hawn Siegħa tal-Ħniena Divina. Fit-3.30 p.m. ikun hemm quddiesa fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesu u fl-istess ħin quddiesa fil-garaxx ta' Wied ir-Riħan. Fl-4.30 p.m. quddiesa fi Triq Binġemma.

Nhar is-Sibt ikun hemm l-Adorazzjoni fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesu. F'nofsinhar tibda siegħa talb ad unur tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin. Fis-2.30 p.m. ikun hemm karozza għal Ta' Pinu.

## Flower arranging

Tinqala biex tirranġa l-fjuri jew trid titgħallem? Agħti ismek (irġiel u nisa) biex tgħin f'dan is-servizz lill-Knisja u l-parroċċa. Iktar 'il quddiem il-parroċċa se torganiżża kors dwar flower arrangement biex tittrenja lil min hu nteressat.

## Kumitat Fund Raising

Se ssir laqgħa għall-membri kollha tal-Kumitat tal-Fund Raising. Il-laqgħa se ssir nhar it-Tlieta 10 ta' Awwissu fit-8.30 a.m. fiċ-Ċentru Parrokkjali.

## Qari

GAVI (Gozo Aid for the Visually Impaired) qed toffri servizz li jikkonsisti f'pubblikazzjonijiet Għawdxin irrekordjati. Min hu nteressat għandu jikkuntattja lil Ms Rose Attard fuq
2155 0002 jew 7955 0002.

## Ringrazzjamenti:

NN (Qortin) - €10 (Duluri)
NN - €100 għall-ħtiġijiet tal-Knisja.
NN (SanBlas - €20 (Radju Luminaria), €20 (għall-ħtiġijiet tal-Knisja), u €20 (għall-ostji).
NN €110 għall-ħtiġijiet tal-Knisja.
NN - €12 (Radju Luminaria)
Maria Portelli - €80 għall-ħtiġijiet tal-Knisja mill-ħarġa tal-anzjani u romol.
Marija Azzopardi - €15 (Radju Luminaria.
Bernadette Logan u Carmen Vella jirringrazzjaw lis-Saċerdoti u lil dawk kollha li ħadu sehem fil-funeral ta' Valentino John Vella u joffru €42 għall-ħtiġijiet tal-Knisja u €25 għal Radju Luminaria b'suffraġju għal ruħ Valent Vella u Valentino Vella.

## Pellegrinaġġ Djoċesan

Nhar it-Tlieta 17 ta' Awwissu Mons Isqof Mario Grech se jmexxi pellegrinaġġ Djoċesan għall-Parroċċa Stella Maris, Sliema. Nitilqu mal-vapur tal-5.15 p.m. u lura mal-vapur tal-9.45. Ikun hemm Pellegrinaġġ qasir u quddiesa u anke fit ħin liberu. Biljetti €3 mill-Uffiċċju Parrokkjali għat-trasport Malta. Kulħadd jixtri l-biljett tiegħu għall-vapur.

## Ġimgħa għat-tfajliet studenti

Grupp ta' tfajliet tal-Museum Maltin se jkunu fil-parroċċa mit-Tnejn sal-Ġimgħa biex jippreżentaw ġimgħa ta' attivitajiet bit-tema DUQU u TARAW.

Il-programm jibda bil-quddiesa tat-8.30 flimkien u wara l-istudenti bniet minn Year 5 sa Form 5 ikomplu bl-attivita fil-Museum tal-Bniet. Fl-għaxija wkoll se jkun hemm attivitajiet f'oqsma oħra: It-Tnejn quddiesa x-Xagħra. It-Tlieta Water Games, l-Erbgħa Treasure Hunt; il-Ħamis Jesus Fest, hamburger. Mistednin ukoll il-ġenituri; Ġimgħa Quddiesa f'Ta' Pinu. F'din il-ġimgħa se jkun hemm ftit minn kollox... krafts, logħob, BBQ, baħar eċċ. Inħeġġu lill-istudenti bniet biex ma jitilfux din l-okkażjoni.

## Ġimgħa Musewmina

Il-Museum tas-subien qed iżomm Ġimgħa Musewmina mit-Tnejn sas-Sibt. Il-ġimgħa tiftaħ għada t-Tnejn b' quddiesa fil-ground tal-Museum fit-8.00 p.m.

It-Tlieta fit-8.00 p.m.: Laqgħa għall-ġenituri

L-Erbgħa: Quddiesa fit-8.30 a.m. għat-tfal kollha u wara logħob u divertiment il-ġurnata kollha.

Il-Ħamis: fit-8.00 p.m. Siegħa Adorazzjoni.

Il-Ġimgħa fit-8.30 Play għal kulħadd.

Il-Ġimgħa Musewmina tagħlaq bil-laqgħa għall-ġuvintur (u missirijiet u old boys) nhar is-Sibt fit-8.15 p.m.

## Coffee Morning

Nhar il-Ħamis se jkun hemm Coffee Morning fis-Sala Parrokkjali mit-8.30 b'risq il-knisja.

## Quddiesa għar-Romol

Il-quddiesa għar-romol se tiġi ċċelebrata għada t-Tnejn fil-5.00 p.m. fil-kappella tas-Sorijiet Franġiskani.

## Radju Luminaria Wieqaf

Navżawkom li Radju Luminaria se jwaqqaf it-trasmissjonijiet tiegħu mil-lum il-Ħadd wara l-quddiesa tat-8.30 a.m. sal-14 ta' Awwissu. Dan qed isir biex isiru xi tiswijiet u rinnovazzjoni.

## Gwidi għan-Nadur

Minn għada t-Tnejn, grupp ta' studenti mill-parroċċa se jkunu fil-post biex idawru lil kull min jixtieq iżur postijiet ta' nteress fin-Nadur, bħalma huma l-Knisja Bażilika, ix-shelter tal-gwerra, il-Mużew Marittimu, Torri ta' Kenuna u ta' Sopu. Se jkunu stazzjonati f'Dar Imnarja mid-9.00 sas-1.00 p.m. Din l-inizjattiva qed issir f'kollaborazzjoni bejn il-parroċċa u l-Kunsill Lokali. u l-ETC. Aktar informazzjoni mill-Kunsill Lokali 2155 8080.

## Gradwati Għawdxin

Gradwati u professjonisti huma mistiedna għall-quddiesa ta' nhar l-ewwel Ġimgħa tax-xahar fil-Knisja ta' Santu Wistin, fit-8.30 p.m.

## Attivita għaż-żgħażagħ

Nhar is-Sibt bil-lejl se ssir mixja għaż/żgħażagħ mir-Rabat sar-Ramla. Ikun hemm waqfiet f'diversi knejjes u kappelli. Biex isiru talb u meditazzjonijiet permezz tal-Kelma t'Alla. Iż-żgħażagħ interessati huma mitluba jikkuntattjaw lil Dun Giovanniu Curmi 9922 8918.